MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 2266/2004

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Alliance Malta Limited**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u erbgha w erbghin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm244.78c) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mis-socjeta' konvenuta skond Client Contract Number 9345 in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Dicembru 2003 u April 2004.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra n-Nota ta' Ammissjoni pprezentata fis-27 ta' Frar, 2006 illi permezz taghha s-socjeta' konvenuta ammettiet it-talba.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' mitejn u erbgha w erbghin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm244.78c), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------